**A.L. 38 ta' l-2009**

## ATT DWAR IL-PROFESSJONIJIET TAS-SAĦĦA (KAP. 464)

### Regolamenti ta' l-2009 dwar Penali imposti mill-Kunsill Mediku

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 32(1)(c) ta' l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa, il-Ministru għall-Politika Soċjali għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Title.

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2009 dwar Penali imposti mill-Kunsill Mediku.

Penali.

**2.** F'dawk il-każijiet li l-Kunsill Mediku ikun sodisfatt li akkuża li tinġieb kontra professjonist tkun ġiet ippruvata, għaldaqstant dak il-Kunsill jista' jimponi penali ta' mhux iżjed minn għoxrin elf euro.

Tneħħija ta' isem mir-reġistru.

**3.** Jekk professjonist jonqos milli jħallas dik il-penali li tiġi imposta fuqu fi żmien tliet xhur mid-data meta tiġi imposta dik il-penali, għaldaqstant il-Kunsill Mediku għandu jordna li isem il-professjonist jiġi kanċellat mir-reġistru adatt mingħajr il-ħtieġa ta' ebda avviż ieħor.

Meta l-isem jerġa' jitniżżel fir-reġistru.

**4.** Meta isem ta' professjonist ikun ġie kanċellat minn xi reġistru għar-raġuni msemmija fir-regolament 3 ta' dawn ir-regolamenti, isem-il professjonist għandu biss jerġa' jitniżżel fir-reġistru adatt meta titħallas il-penali kollha kemm hi u, f'dak il-każ, il-Kunsill Mediku għandu jordna li dak l-isem għandu minnufih jerġa' jitniżżel fir-reġistru adatt.